**PARROĊĊA TA' SAN PIETRU U SAN PAWL • In-Nadur • Għawdex**

*Uffiċċju: 21551649 • Dar Parrokkjali: 21560501 • www.nadurparish.com*

15 ta' Mejju, 2022

# ALLA JIĠRI WARAJNA

Il-vokazzjoni hija xi ħaġa speċjali. Għaliex fil-fatt Hu jagħżel lil dawk li jkun irid għalih, mhux aħna nagħżlu lilU. Alla għadu jsejjaħ illum ukoll. Kull stat tal-ħajja huwa vokazzjoni. Hawn min jiżżewweġ, hawn min jagħżel il-ħajja reliġjuża. Hawn min ma jiżżewwiġx biex ikun jista' jiddedika ħajtu għal xi ħaġa nobbli. L-importanti li ma naħarbux mill-impenn li Alla ħejja għalina. L-importanti li ma nibżgħux tant li qatt ma niddeċiedu.




Il-Ħadd li għadda, 8 ta' Mejju, iċċelebrajna Jum il-Vokazzjonijiet. Nagħmlu talb għal dawk li l-Mulej iridhom isiru saċerdoti u reliġjużi. Biex żagħżugħ jimxi wara Kristu llum irid kuraġġ speċjali, l-ewwel nett biex jagħraf li Alla jridu għalih u mbagħad biex jimxi warajH. Żagħżugħ imsejjaħ illum irid jegħleb it-tfixkil. Imma l-kuraġġ jiġi meta nintebħu li Alla jrid jinqeda proprju bik biex ixxerred is-Saltna.

Forsi hawn xi żagħżugħ li qed jaqra dawn il-versi u jgħid, "Mela Ġesù se jagħżel lili! Inħossni inkompetenti!" Isimgħu kelma ta' kuraġġ ta' wieħed patri Benedittin: "Peter and company did not appear to be even successful at catching fish. Matthew was a hated tax-collector. Most of them were moral cowards when tested. One of them could be bought for fa price as low as thirty bob". Imma l-biċċa l-kbira tagħhom imxew wara Ġesù.

Nitolbu biex anke mill-parroċċa tagħna jkollna xi ħadd jew xi wħud, nisa u rġiel, li jimxu b'kuraġġ wara Ġesù biex ikunu pont bejn il-bnedmin u Alla.

***L-Arċipriet***

**ENGLISH CORNER**

**Fifth Sunday of Easter** Jn 13:34

"I give you a new commandment: love one another.
As I have loved you, so you also should love one another."

**Our Lady of Fatima—13th May 1917**

The Blessed Virgin Mary appeared to 3 children in Fatima, Portugal on the 13th of each month from May to October in 1917. This happened while they were tending sheep; they described her as "a woman all in white, more brilliant than the sun", and her message was to do reparation for sins that offend God, and to pray constantly for the conversion of sinners. She asked for devotion to the Holy Trinity, and for praying the Rosary daily for world peace.

## AVVIŻI:

**LAQGĦA TA' TALB FUQ L-ISPIRITWALITÀ TA' DUN MIKIEL ATTARD:** nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju, fil-Knisja Bażilika u tibda fis-6:15pm. Fiha Maria Attard ta' Dar Ġużeppa Debono ser taqsam magħna l-konoxxenza tagħha ta' Dun Mikiel Attard. Kulħadd huwa mistieden. Din tkun imxandra wkoll diretta fuq *mnarjalive*.

**RUŻARJU FIL-BERAĦ:** nhar il-Ġimgħa 20 ta' Mejju jmiss it-tielet jum li fih qed tingħad it-talba tar-Rużarju fil-beraħ. Din id-darba l-post ser ikun Triq it-Torri ta' Sopu f'San Blas. Kulħadd mistieden.

**ĠABRA GĦALL-BANED TAL-FESTA:** minn nhar l-Erbgħa 18 ta' Mejju 'l quddiem il-kumitat tal-Banda ser jagħmel it-tieni ġabra għall-baned tal-festa ta' San Pietru u San Pawl. Il-Banda biex tagħmel festa xierqa trid €20,000. Ejjew inkunu ġenerużi biex nagħmlu festa kbira ad unur tal-Appostli tagħna San Pietru u San Pawl.

**ĦARĠA GĦALL-ANZJANI F'MALTA:** il-Kunsill Lokali javża li qed jorganizza ħarġa speċjali nhar it-Tlieta 24 ta' Mejju f'Malta. Din tinkludi kolazzjon, quddiesa l-Mellieħa, żjara l-Kon Katidral u ħin liberu l-Belt Valletta, ikla u tombla Ħad-Dingli. Dettalji mill-uffiċċju tal-Kunsill.

**IL-KUMITAT PURĊISSJONI ĠIMGĦA KBIRA NADUR:**

- qed jorganizza tombla kbira nhar il-Ġimgħa 27 ta' Mejju fis-Sala Parrokkjali, mis-7:30pm 'il quddiem. Barra t-tombla ser ikun hemm ukoll numru ta' rigali x'jintrebħu. Trasport provdut minn kullimkien.
- javża li r-rebbieħa tal-lotterija fl-inkwatru tal-pittura tal-Knisja Bażilika tan-Nadur hija Liża Sultana ta' Triq San Blas.
- javża li r-rendikont tad-dħul u l-ħruġ konness mal-purċissjoni tal-Ġimgħa l-Kbira u ta' Kristu Rxoxt se jingħata fil-ħarġa li jmiss tal-Gazzetta tan-Nadur.

**KLABB TAS-SAJF FL-ORATORJU DON BOSCO:** għal studenti ta' bejn 4 snin u 13-il sena, kull nhar ta' Tnejn, l-Erbgħa u l-Ġimgħa bejn id-9:00am u nofsinhar matul ix-xhur ta' Lulju u Awwissu. L-attivitajiet jinkludu Quddiesa kuljum, diversi oqsma ta' arti u krafts, mużika, żfin, drama, sports kif ukoll ħarġiet ta' kultura u divertiment. L-applikazzjonijiet jistgħu jinġabru mill-Oratorju Don Bosco stess u jibqgħu jintlaqgħu sal-aħħar ta' Mejju. Inkella jistgħu jitniżżlu minn fuq il-website tal-Oratorju.

## Ħin tal-Quddies

**Ħdud u Festi:** 5:30am; 6:30am; 8:30am; 9:45am; 11:00am; 5:00pm; 7.00pm

**Mit-Tnejn sas-Sibt:** 5:30am; 6:15am; 7:00am; 7:45am; 9:00am; 5:00pm; 7:00pm

**KNISJA TAL-QALB TA' ĠESÙ: matul il-ġimgħa:** 11.00am **il-Ħadd:** 7.15am

**KAPPELLA TAS-SORIJIET: matul il-ġimgħa:** 6.30am **il-Ħadd:** 6.15am

**KAPPELLA SANTA TEREŻA TA' KALKUTTA: il-Ħadd:** 7.30am